**2 ta' Ġunju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Karmnu Demanuele

**Attruppament — Inċitament — Kwistjoni ta' Dritt — Appell — Reat Uniku — Piena — Karċerazjoni Preventiva — Art. 20 u 24(1)(a) tal-Ordinanza IV tal-1945 — Art. 69 u 70 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk il-Maġistrat fis-sentenza tiegħu jirritjeni li, biex ikun hemm ir-reat ta' intimidazzjoni, jeħtieġ li jkun hemm theddid esplicitament manifestat bi kliem "ad hoc", u fid-dawl tal-fatti valjati fuq ipotesi tali huwa jillibera lill-imputat, huwa jagħmel apprezzament ta' fatti fuq ipotesi tal-liġi żbaljata, u għalhekk is-sentenza tiegħu hija appellabbli mill-Prosekuzzjoni.*

*Skond il-liġi, mbgħad, hu suffiċjenti li l-kliem li jingħadu jkunu ta' xorta tali li jġibu f'moħħ xi ħadd apprensjoni raġjonevoli ta' ħsara fil-persuna jew fil-proprjetà. It-theddid ma hemmx bżonn li jkun espliċitu, imma jista' jkun anki impliċitu. Jekk dak il-kliem, meqjus mill-ġudikant kif għandu jkun rettament valjat, jiġifieri mhux iżolatament, imma fil-kwadru taċ-ċirkustanzi, huwa tali li jġibu f'moħħ l-interessati apprensjoni raġjonevoli ta' ħsara, hemm l-intimidazzjoni; u xejn ma jiswa li forsi l-interessati beżgħu minħabba ċirkustanzi oħra, ladarba l-kliem tal-imputat kienu qegħdin jikkontribwixxu biex iġibu il-biża'.*

*Iżda, jekk l-imputat kien akkużat anki ta' tixwix, u dan ir-reat jirriżulta, il-fatti li jikkostitwixxu r-reat ta' inċitament, li jkunu l-istess fatti tal-intimidazzjoni, huma evidentement parti mill-materjalità tar-reat gravjuri ta' intimidazzjoni; u għalhekk, stante l-uniċità, għandhom jitqiesu assorbiti. B'mod li l-imputazzjoni ta' inċitament hi kompenetrata f'dik ta' intimidazzjoni.*

*Jekk il-Maġistrat ikun illibera l-imputat mill-imputazzjoni ta'*

*intimidazzjoni u jkun ikkundannah għall-inċitament, u l-Qorti tal-Appell, fuq appell tal-Prosekuzzjoni, issib li huwa ħati tal-intimidazzjoni wkoll, il-kundanna tkun għal reat uniku ta'intimidazzjoni assorbenti l-inċitament; u allura l-piena tiġi awmentata. Imma jekk l-imputat kien arrestat provviżorjament, peress li si tratta ta' piena sostitwita minħabba reat sostitwit, hu ġust li l-imputat ikollu l-komputu tal-perijodu tal-arrest preventiv għaż-żmien kollu mill-bidu tiegħu, u mhux mis-sentenza appellata biss; għax il-piena hija "ex novo".*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Karmnu Demanuele quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-Furjana, u bnadi oħra f'Malta, fit-28 ta' April 1958, (1) publikament xewwex lil persuni oħra biex jiksru l-liġi, (2) u barra minn dan, bil-ħsieb li jġiegħel lil xi ħadd li ma jagħmelx jew li jagħmel xi ħaġa li dan il-bniedem l-ieħor għandu l-jedd li jagħmel jew li ma jagħmelx, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, beżżgħa lil dak il-bniedem l-ieħor u għasses l-imkejjen fejn dak il-bniedem kien jaħdem jew imexxi negozju;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Mejju 1958, li biha sabet lill-imsemmi Karmnu Demanuele ħati tal-ewwel, iżda mhux ħati tat-tieni imputazzjoni, u kkundannatu għall-piena tad-detenzjoni għal żmien tnax il-ġurnata u lliberatu mit-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata kwantu għall-kundanna fuq l-ewwel imputazzjoni, u li hu jiġi assolt;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih ukoll appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi riformata fis-sens illi tiġi konfermata in kwantu sabet l-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u revokata in kwantu lliberatu mit-tieni imputazzjoni, billi din il-Qorti ssibu ħati anki ta' din it-tieni imputazzjoni, u tikkundannah għall-piena xierqa anki għar-rigward tat-tieni imputazzjoni;

Trattati ż-żewġ appelli;

Ikkunsidrat;

Id-difiża eċċepiet l-inappellabbilità tas-sentenza fil-konfront tal-Prosekuzzjoni;

Dwar dan il-pont;

Mill-aħħar paragrafu tal-konsiderandi tas-sentenza appellata donnu jidher li l-Ewwel Qorti rriteniet, bħala ipotesi tal-liġi, li, biex ikun hemm ir-reat taħt l-art. 24(1)(a) tal-Ordinanza IV tal-1945 (it-tieni imputazzjoni), jeħtieġ li jkun hemm theddid espliċitament manifestat bi kliem "ad hoc", mentri, skond id-definizzjoni tal-espressjoni "to intimidate" li hemm fl-art. 20 ta' din il-liġi speċjali, hu sufficjenti li l-kliem li jingħadu jkunu ta' xorta tali li jġibu f'moħħ xi ħadd apprensjoni raġjonevoli ta' ħsara fil-persuna jew fil-proprjetà; it-theddid, skond il-ġurisprudenza ngliża dwar il-kelma "intimidation" jista' jkun "implied". Hu ċar li l-Ewwel Qorti għamlet l-apprezzament tagħha tal-fatti rigwardanti t-tieni imputazzjoni fid-dawl tal-ipotesi tal-liġi kif minnha prospettata u għalhekk hemm, skond il-ġurisprudenza kostanti u paċifika ta' din il-Qorti, lok għall-appell mill-parti tal-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu tat-tieni imputazzjoni;

Anki jekk wieħed jiskarta ċerti punti li, avvolja aktarx huma kif intqalu mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, eppure jista' jingħata dwarhom lill-imputat il-benefiċċju taddubju, jibqa' pruvat oltre kwalunkwe dubju li dak inhar ta' li "strike" l-imputat, għal xi s-sitta u nofs ta' filgħodu kien ħdejn Kingsgate, fejn hemm it-terminus tal-buses tal-linja, u f'ċertu ħin unixxa ruħu mal-folla li kien hemm, u beda jgħid lid-drivers tal-Kottonera u ta' Ħaż-Żabbar, kif għamel anki ħadd ieħor, "morru żarmaw għax jaqblilkom". Dak il-ħin, xi nies mill-folla kienu qegħdin jagħtu bil-ponn fuq il-pjanċi tal-karrozzi. Mbgħad l-imputat ittrasferixxa ruħu għan-naħa tal-buses ta' tas-Sliema u rripeta l-istess diskors, sakemm il-buses ta' Kingsgate kienu jidhru li waqfu . . . . U jirriżulta wkoll li x'ħin l-imputat qal dawk il-kliem "żarmaw għax jaqblilkom", u "dabbar rasek" lil Vassallo, u resaq is-Surġent Mallia, l-imputat

qal il-kliem "Lilek nagħfuk, Vassall"—kliem ferm sinifikattiv għal min irid idaħħal f'moħħ ħadd ieħor il-biża' ta' konsegwenzi fil-futur. Jirriżulta wkoll . . . . . ;

Issa, ma jistgħax ikun hemm dubju li dawn il-kliem tal-imputat, meta l-ġudikant iqieshom, kif għandu rettament iqieshom mhux iżolatament, imma fil-kwadru taċ-ċirkustanzi kollha, huma tali li jġibu f'moħħ l-interessati apprensjoni raġjonevoli ta' ħsara;

Intqal li d-drivers indirizzati beżgħu minħabba ċirkustanzi oħra u minħabba l-kliem ta' ħadd ieħor. Dan ma jfisser xejn, għaliex l-imputat kien jaf tajjeb li l-kliem tiegħu kienu qegħdin jikkontribwixxu biex iġibu dak il-biża', appuntu għaliex kienu qegħdin jingħadu mhux f'ċirkustanzi paċifiċi u iżolatament, imma bir-rinforz ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri dak il-ħin u ta' dak kollu li dak il-ħin kien qiegħed jingħad; u l-imputat, li għażel deliberatament li jgħid dawk il-kliem f'dawk iċ-ċirkustanzi l-oħra, għandu jissobbarka ruħu ġustament bir-responsabbiltà *tal-effetti* ta' kliemu, kif dawk l-effetti hu ried li jkunu fil-kwadru li fih hu qalhom. Iż-żewġ drivers qalu, fix-xhieda tagħhom, li telqgħu għaliex id-diskors li kien qiegħed jingħad, inkluż kwindi dak li kien qiegħed jingħad mill-imputat, kien tali li jifhmu li, jekk ma iżarmawx, jinqala' xi inċident u ssirilhom xi ħsara;

Jista' jiżdied ukoll, "ad abundantiam probationis", fatt ferm sinifikattiv. Meta l-imputat għamel li "statement" lill-Pulizija . . . . . ;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti tirritjeni li l-imputat ikkommetta r-reat taħt l-art. 24(1)(a) tal-Ordinanza fuq imsemmija;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel imputazzjoni, meritu tal-appell tal-imputat;

*Il-fatti, li jistgħu jikkostitwixxu r-reat* ta' inċitament hemm kontemplat, huma evidentement parti mill-materjalità tar-reat gravjuri ta' intimidazzjoni; u għalhekk, stan-

te l-uniċità, għandhom jitqiesu assorbiti, b'mod li din l-ewwel imputazzjoni hi kompenetrata fit-tieni waħda. Għalhekk, lanqas hemm lok li din il-Qorti tinvesti l-kwistjoni, sollevata mid-difiża, jekk, f'lok ir-reat taħt l-art. 70, hemmx dak taħt l-art. 69. Kap. 12; liema kwistjoni kienet tista' talvolta ġġib konsegwenza aktarx mhux intravveduta mid-difiża, ċjoè li, stante l-gravjorità tar-reat taħt l-art. 69, din il-Qorti tannulla s-sentenza u tirrimetti lill-imputat għal kumpilazzjoni taħt l-art. 440(1) Kap. 12;

Ikkunsidrat;

Ir-reat li tiegħu, fuq l-appell tal-Prosekuzzjoni, qiegħed issa jinstab ħati l-imputat hu aktar gravi, u għalhekk tabilfors il-piena għandha tiġi awmentata. Biss. peress li si tratta ta' piena sostitwita minħabba reat sostitwit, għalhekk, f'dan il-każ, għad-differenza ta' oħrajn, l-imputat hu ġust li jkollu l-komputu tal-perijodu tal-arrest preventiv għaż-żmien kollu mill-bidu tiegħu, u mhux mis-sentenza appellata biss; għax il-piena hi "ex novo";

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddeċidi billi, prevju r-riġett tal-eċċezzjoni tal-inappellabbilità, tilqa' l-appell tal-Prosekuzzjoni, u tiddikjara l-imputat ħati tar-reat ta' intimidazzjoni taħt l-art. 24(1)(a) tal-Ordinanza IV tal-1945, ċjoè tat-tieni imputazzjoni kontra tiegħu dedotta; u tipprovvedi fuq l-appell tad-difiża fis-sens li tiddikjara li ma hemmx lok għall-ġudizzju dwar l-ewwel imputazzjoni, stante li l-fatti li setgħu jikkostitwuha huma parti mill-element materjali tat-tieni imputazzjoni, u fiha assorbiti;

U wara li rat l-istess art. 24 fuq imsemmi, u wara li ħadet in konsiderazzjoni l-grad ta' intimidazzjoni, il-kondotta preċedenti tal-imputat, u ċ-ċirkustanzi partikulari ta' dawn iż-żewġ appelli, tikkundanna lill-imputat għat-tieni imputazzjoni, li tagħha biss qiegħed jiġi misjub ħati kif fuq ingħad, għall-piena tal-priġunerija għal żmien għoxrin ġurnata; b'dan li għandu jiġi komputat fl-espjazzjoni tal-piena l-perijodu tal-arrest preventiv mill-bidu tiegħu;

U b'hekk il-Qorti pprovdiet fuq iż-żewġ appelli; u f'dan is-sens irriformat is-sentenza appellata.